MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2858/2002

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Awwada Mahmoud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm99.89) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle Communications Limited* skond *Client Contract Number* 1605 in rigward ghal servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn April 2001 u Mejju 2001.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' -ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 2002, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nicolai Muscat Farrrugia ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm99.89), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2002 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------